



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' Ġunju (01.07)
(OR. en)**

12094/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0162 (NLE)**

**EEE 26
MI 330
AUDIO 22**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data:	22 ta' Ġunju 2011
Nru dok. Cion:	SEC(2011) 783 finali
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE li tirrigwarda emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: SEC(2011) 783 finali



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.6.2011
SEG(2011) 783 finali

2011/0162 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
li tirrigwarda emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġenità rekwiżiti tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Komunità fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet billi jżid acquis tal-Komunità ġdid f'dan il-qasam. Dan jikkonċerna d-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus). L-għan tad-deċiżjoni huwa li tippermetti l-parteciċipazzjoni taż-ŻEE EFTA fil-programm MEDIA Mundus. Il-Liechtenstein madanakollu jingħata eżenzjoni mill-parteciċipazzjoni u milli jħallas kontribut finanzjarju għal dan il-programm.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżenta l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' ikun malajr.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
li tirrigwarda emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 166, 173 u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet speċifiċi u arranġamenti rigward kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet.
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv ma' nies professjonisti minn pajjiżi terzi msejjaħ (MEDIA Mundus)².
- (3) Għalhekk il-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda prevista għall-Protokoll 31 mal-Ftehim taż-ŻEE hija stipulata fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'...³..
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv ma' nies professjonisti minn pajjiżi terzi msejjaħ (MEDIA Mundus)⁴.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2011,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 31, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet, għall-Ftehim:

‘- **32009 D 1041:** Id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus) (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10).

Il-Liechtenstein madanakollu għandu jingħata eżenzjoni mill-parteciċipazzjoni fi, u milli jħallas kontribut finanzjarju għal, dan il-programm.'

³ ĠU L ...

⁴ ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

*Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

* [L-ebda rekwiżit konstituzzjonali mhuwa indikat.] [Rekwiżit konstituzzjonali huwa indikat.]